

Brussell, 21 ta' Mejju 2015  
(OR. en)

8993/15

**DATAPROTECT 83**  
**ECO 63**  
**IND 81**  
**COMPET 231**  
**DIGIT 39**  
**MI 322**  
**PI 34**

**NOTA**

|                               |                                                                                                                                                                |
|-------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                         | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)                                                                                                                |
| lil:                          | Kunsill                                                                                                                                                        |
| Nru. dok. preċ.:<br>287 PI 31 | 8566/15 DATAPROTECT 68 ECO 56 IND 68 COMPET 181 DIGIT 31 MI                                                                                                    |
| Suġġett:                      | Politika dwar is-Suq Uniku Diġitali<br>a) Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea<br>- <i>Adozzjoni</i> |

1. Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija sabiex jinħolqu l-impjiegi, tingħata spinta lill-produttività u titjeb il-kompetittività tan-negozji tal-UE, il-Presidenza Latvjana ddeċidiet li ttejjji konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea, fil-kuntest tat-tnedija tal-istrateġija tal-Kummissjoni għas-Suq Uniku Diġitali. Kemm il-konklużjonijiet kif ukoll l-iskambju ta' fehmiet dwar is-Suq Uniku Diġitali previst fil-Kunsill (Kompetittività) tat-28 ta' Mejju ser jikkontribwixxu lejn il-kontribut tal-Presidenza Latvjana għad-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2015.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-21 ta' April, id-29 ta' April u l-4 ta' Mejju 2015.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2015, eżamina dan l-abbozz ta' konklużjonijiet, solva l-kwistjonijiet miftuħa pendent u qabel li jibgħat l-abbozz ta' konklużjonijiet lill-Kunsill (Kompetittività) tat-28-29 ta' Mejju 2015 għall-adozzjoni tagħhom. UK għandha riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar it-test, wara l-elezzjonijiet nazzjonali reċenti.
4. Il-Kunsill (Kompetittività), huwa għalhekk mitlub jadotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fl-anness għal din in-nota u bil-bidliet indikati kif jirriżultaw mil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.

Il-bidliet għall-verżjoni preċedenti (dok. 8566/15) huma indikati b'**tipa grassa ssottolinjata** għaż-żidiet u bi [...] għat-tħassir.

---

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL  
DWAR IT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI TAL-INDUSTRIJA EWROPEA<sup>1</sup>**

IL-KUNSILL TAL UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-**konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013<sup>2</sup>**, li rrikonoxxew l-importanza ta' ekonomija diġitali b'saħħitha għat-tkabbir u l-kompetittività Ewropea f'dinja globalizzata, u ddikjaraw li għandu jsir kull sforz possibbli biex l-industrija Ewropea terġa' taqbad ir-ritmu fi prodotti u servizzi diġitali;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda diġitali għall-Ewropa"<sup>3</sup>**, li pproponiet qafas biex jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) sabiex jitrawmu l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-produttività;

Filwaqt li jfakkar fil-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Għal Rinaxximent Industrijali Ewropew"<sup>4</sup>**, li ddikjarat li l-UE, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-industrija lkoll għandhom rwol x'jaqdu biex titrawwem id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi kummerċjali u tiġi żviluppata d-dimensjoni industrijali tal-aġenda diġitali;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-**Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015<sup>5</sup>**, li jiddikjara li l-ICT mhux biss hija settur iżda wkoll il-pedament ta' ekonomija innovattiva u moderna, u li jidentifika l-ħtieġa ta' riformi strutturali biex jiġi stabbilit Suq Uniku Diġitali konness, li min-naħa tiegħu huwa essenzjali biex jagħmel l-ekonomija Ewropea aktar kompetittiva;

---

<sup>1</sup> UK: riżerva ta' skrutinju ġenerali.

<sup>2</sup> Dokument 169/13.

<sup>3</sup> Dokument 9981/10 REV 1.

<sup>4</sup> Dokument 5489/14.

<sup>5</sup> Dokument 15985/14.

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet dwar **Politika tas-Suq Uniku**<sup>6</sup> tiegħu, li enfasizzaw il-benefiċċji ta' Suq Uniku u Suq Uniku Diġitali aktar b'saħħithom u l-potenzjal tagħhom għal aktar tkabbir u impjiegi ġodda, u biex tiżdied il-kompetittività globali tal-UE.

1. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija tal-UE biex jinħolqu l-impjiegi, tingħata spinta lill-produttività u titjeb il-kompetittività tan-negozji tal-UE. Din it-trasformazzjoni ma tapplikax biss għall-industrija bħala *fornitur* ta' prodotti u servizzi diġitali, iżda wkoll bħala *utent* ta' prodotti u servizzi diġitali, għandha wkoll implikazzjonijiet estensivi għall-katina ta' valur kollha kemm hi, inkluż l-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji, servizzi u mudelli kummerċjali ġodda, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u innovattivi. F'dan il-kuntest, JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija għas-Suq Uniku Diġitali<sup>7</sup>, u JAPPELLA għal pjan ta' azzjoni għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija;
2. JENFASIZZA l-fatt li Suq Uniku Diġitali konness bis-sħiħ huwa stmat li jiġġenera sa EUR 260 biljun ta' tkabbir addizzjonali fl-Ewropa sal-2020 f'titjib annwali fl-effiċjenza<sup>8</sup>; u JINNOTA bi tħassib li 14 % biss tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) jużaw l-Internet biex ibiegħu onlajn<sup>9</sup> u inqas minn 2 % tal-intrapriżi jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji diġitali avvanzati, filwaqt li 40 % ma adottaw ebda teknoloġija diġitali<sup>10</sup>;

---

<sup>6</sup> Dokument 6197/15.

<sup>7</sup> Dokument 8672/15.

<sup>8</sup> "Mapping the Cost of Non-Europe 2014-19", studju ppubblikat mill-Parlament Ewropew f'Lulju tal-2014 (ikkwotat fid-dokument 15985/14).

<sup>9</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Aġenda Diġitali 2014.

<sup>10</sup> Stħarriġ tas-Swieq Vertikali Ewropej tal-2012 tal-IDC.

3. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi promoss qafas regolatorju sempliċi u prevedibbli li jagħti spinta lill-innovazzjoni fid-diġitalizzazzjoni tal-industrija u t-tneħħija ta' ostakoli regolatorji jew mhux regolatorji mhux ġustifikati jew sproporzjonati kollha sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' trasformazzjoni diġitali tal-industrija u kummerċ elettroniku transfruntier; F'dan il-kuntest, ITENNI l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tintroduċi dimensjoni diġitali fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt tagħha; Fl-istess waqt, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex testendi din id-dimensjoni diġitali għal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE biex tiżgura li tkun adatta għall-era diġitali u mudelli kummerċjali ġodda, pereżempju, il-programm REFIT tagħha, inklużi analiżi tal-kontrolli tal-idoneità, u biex tinforma lill-Kunsill dwar xi jkun l-istat attwali fl-aħħar tal-2016; **JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi valutazzjoni komprensiva tar-rwol tal-pjattaformi;**
4. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex sal-aħħar tal-2016 tiżviluppa pjan ta' azzjoni Ewropew għall-immappjar tal-aħjar prattiki tat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija fl-Istati Membri; dawn il-prattiki għandhom jirrelataw ma' miżuri u inċentivi għat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea, bħaċ-ċentri DEMO li jiffaċilitaw is-sensibilizzazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u innovattivi, speċjalment għall-SMEs, mudelli għall-kondiviżjoni jew it-trasferiment tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali minn kumpanniji kbar kif ukoll minn proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE lill-SMEs, metodi għall-ġbir ta' informazzjoni dwar investimenti transfruntieri u ċentri tal-eċċellenza għat-trasformazzjoni diġitali u politiki dwar ir-raggruppamenti għal ktajjen ta' valur industrijali ġodda li jinvolvu l-ICT;

5. JIRRIKONOXXI li t-transizzjoni b'suċċess għal industrija intelliġenti u sostenibbli teżiġi interoperabbiltà globali u mifruxa mal-UE kollha ta' teknoloġiji, servizzi u sistemi diġitali fil-katina tal-valur kollha kemm hi, kif ukoll infrastruttura xierqa tal-broadband, sabiex jiġi żgurat li l-prodotti u s-servizzi diġitali jkunu ta' kwalità għolja, siguri u affidabbli;

JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħdem flimkien mal-industrija, mal-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u mal-korpi ta' standardizzazzjoni sabiex tidentifika l-aktar standards importanti għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija u biex tippreżenta pjan lill-Kunsill sal-ewwel nofs tal-2016 li ser jippermetti l-użu koerenti ta' dawn l-istandards min-naħa tal-industrija u s-soċjetà. Dawn jistgħu jinkludu standards rilevanti għal komunikazzjonijiet mingħajr fili 5G, l-Internet tal-Oġġetti, Big Data, data interoperabbli u cloud computing — li jappoġġaw il-kompetittività industrijali f'oqsma bħalma huma l-manifattura avvanzata, sistemi ta' trasport intelliġenti, il-grilji intelliġenti, iċ-ċibersigurtà korporattiva u s-saħħa elettronika;

6. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat li standards Ewropej elaborati fl-ICT jiġu stabbiliti b'koordinazzjoni ma' standards internazzjonali u speċifikazzjonijiet tekniċi rikonoxxuti globalment u, fejn possibbli, jiġu promossi bħala standards internazzjonali. Dawn huwa l-każ, b'mod partikolari, f'oqsma bħall-formati tad-data, dokumenti u firem diġitali, akkwist elettroniku pan-Ewropew, kontabbiltà f'ambjenti diġitali u skambju ta' data transfruntier; kif ukoll mezzi oħra għall-identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji; sabiex lill-kumpanniji Ewropej tingħatalhom is-setgħa li joperaw aktar faċilment u b'mod aktar sigur bejn il-fruntieri UE u jikbru sa livelli fejn isiru protagonisti globali; JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu żgurati protezzjoni tad-data u s-sigurtà tal-IT adegwati fit-tfassil ta' standards Ewropej;

7. JINNOTA li l-għodod diġitali jista' jkollhom rwol importanti biex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-multilingwiżmu biex isir negozju fis-Suq Uniku, partikolarment għal SMEs li għandhom kapaċità relattivament limitata fl-oqsma tal-amministrazzjoni, il-finanzi u l-immaniġġjar; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' għodod diġitali interoperabbli, pereżempju fil-qasam tat-traduzzjoni mekkanizzata;
8. JIRRIKONOXXI li filwaqt li l-UE għandha rekord b'saħħtu fir-rigward ta' kumpaniji innovattivi, b'mod partikolari l-SMEs, inklużi kumpaniji diġitali żgħar li għadhom jibdew, jeħtieġ li jsir aktar, minbarra li jitlesta s-Suq Uniku Diġitali, sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji jistgħu faċilment ikabbru n-negozju tagħhom fi ħdan l-UE u fil-kuntest globali; JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejbju l-aċċess għall-finanzi, speċjalment għall-SMEs, inkluż permezz ta' sorsi ta' finanzjament mhux bankarji u sorsi finanzjarji ġodda ta' tkabbir, sabiex jiġu appoġġati kumpaniji ġodda promettenti u l-SMEs eżistenti li huma lesti li jinvestu fit-teknoloġija diġitali sabiex isaħħu u jespandu n-negozju tagħhom; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jippromwovu kundizzjonijiet favorevoli għal żieda fil-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma, dak alternattiv kif ukoll dak ta' kapital ta' riskju, b'mod partikolari, għall-fażijiet ta' investiment qabel l-inizjament, dak inizjali, dak bikri u dak ta' tkabbir; F'dan il-kuntest, IQIS li l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) jista' jkollu rwol utli.

9. JINNOTA li l-Ewropa jista' jkollha tiffaċċa nuqqas li jilħaq it-825.000 professjonist tal-ICT sal-2020, bir-riskju li dan jillimita l-potenzjal tagħha għall-kompetittività u t-tkabbir<sup>11</sup>; JISĦAQ li t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea ser ikollha impatt fuq ħafna impjiegi tradizzjonali u ser toħloq żieda fid-domanda għal ħaddiema b'ħiliet diġitali f'oqsma bħall-ġestjoni tal-katina tal-provvista, il-manifattura, l-analiżi tad-data, il-kummerċjalizzazzjoni, l-akkwist, is-servizzi għall-klijenti eċċ.; JAPPELLA lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ħiliet diġitali xierqa jkunu parti mill-kurrikuli edukattivi, inkluż tagħlim tul il-ħajja, programmi ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid għaċ-ċittadini kollha u l-komunità tan-negozju, speċjalment f'setturi mhux tal-ICT, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kwalifiki professjonali fl-ICT ikunu rikonoxxuti b'mod reċiproku mal-UE kollha sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilità transfruntiera għall-professjonisti fl-ICT; JISSOTTOLINJA li l-kooperazzjoni mal-industrija u l-partijiet ikkonċernati l-oħra hija kruċjali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, u JAPPELLA għall-kontinwazzjoni tal-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali;
10. JISĦAQ dwar l-importanza tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fit-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u innovattivi; u b'hekk JAPPELLA biex l-attenzjoni tar-R&Ż&I tingħata lill-proġetti pilota, dawk ta' dimostratezzjoni u dawk qrib tas-suq, li jippromwovu t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija permezz tal-innovazzjoni diġitali u li jkollhom il-potenzjal li jbiddu l-industriji tradizzjonali f'industriji intelliġenti u sostenibbli (pereżempju t-trasportazzjoni intelliġenti, l-enerġija intelliġenti, l-agrikoltura intelliġenti, id-djar intelliġenti, il-kura tas-saħħa intelliġenti, u l-bejgħ intelliġenti, eċċ); IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija biex iżidu l-koordinazzjoni, mal-UE kollha, tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni fit-teknoloġija diġitali, li għadha qed tbatli minn frammentazzjoni meta mqabbla mal-kompetituri ewlenin tal-Ewropa, li tillimita l-effett aggregat potenzjali tat-teknoloġija diġitali fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea;

<sup>11</sup> "E-skills and e-leadership skills 2020: Trends and forecasts for the European ICT professional and digital leadership labour market" (2015), li qiegħed f'<http://leadership2015.eu/documents/> u <http://eskills-lead.eu/documents/>.

11. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' ekonomija xprunata mid-data; JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejbu l-isforzi tagħhom biex tinbena l-fiduċja u l-kunfidenza f'teknoloġiji diġitali kemm mal-produtturi kif ukoll mal-konsumaturi, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà ta' networks u ta' informazzjoni diġitali; JINNOTA l-benefiċċji ta' tranżazzjonijiet transfruntieri diġitalizzati siguri, kif murija mill-aħjar prattiki transfruntieri, li jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi għal negozji li joperaw madwar il-pajjiżi parteċipanti billi permezz tagħhom ikunu jistgħu jiffirmaw dokumenti diġitali; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-użu kummerċjali tad-data kummerċjali diġitali (fil-produzzjoni kif ukoll fis-servizzi) ikun konsistenti mal-protezzjoni kemm tad-data industrijali kif ukoll dik personali u tal-privatezza;
12. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timplimenta ulterjorment il-prinċipji tal-Karta dwar id-Data Miftuħa<sup>12</sup> sa nofs l-2016 u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jagħmlu l-istess, billi dan jipprovdi opportunitajiet addizzjonali għall-industrija, partikolarment kumpanniji li għadhom jibdew, biex jinnovaw u jgħallqu soluzzjonijiet kummerċjali ġodda, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timmappja l-aħjar prattiki relatati mal-inizjattivi dwar id-data miftuħa fl-Istati Membri (inkluż fil-livell reġjonali) sal-aħħar tal-2016;
13. JENFASIZZA li l-Kunsill Kompetittività għandu jimmonitorja l-progress lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija, l-intraprenditorija diġitali u l-implimentazzjoni tal-istrateġija għas-Suq Uniku Diġitali. F'dan ir-rigward, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tirrapporta b'mod annwali lill-Kunsill Kompetittività fuq kif għandhom jitmexxew dawn l-għanijiet - minn Mejju tal-2016.

---

<sup>12</sup> <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/eu-implementation-g8-open-data-charter>